# Il-Banda Queen Victoria fi Żmien il-Gwerra

Kitba ta' **A. Camilleri**

Fl-10 ta' Ġunju 1940 Malta daħlet fil-gwerra li qerdet kull attività ġewwa Malta. In-nies li kienu joqogħdu fil-Kottonera u fil-Belt Valletta, li kienu l-aktar postijiet fil-mira tal-attakki, bdew jevakwaw lejn l-irħula, fosthom iż-Żurrieq. L-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria wkoll offriet is-swali tagħha għal dan l-għan. Infatti ġewwa l-każin kienu evakwati żewġ familji, Azzopardi u Tabone, parantela ta' xulxin. L-attivitajiet kollha tal-każin bdew jinżammu fis-sular t'isfel waqt li l-kunċerti kienu jsiru fil-mitħna ta' wara l-każin ġentilment mislufa mis-Sur Kalanaġ Busuttil, magħruf bħala *ż-Żimella*. Iżda minkejja li kienu żminijiet koroh, il-Banda Queen Victoria xorta baqgħet attiva. Ħekk pereżempju nhar it-23 ta' Novembru 1941, hija esegwiet programm mużikali ġewwa Misraħ Churchill sabiex tgħolli l-moral tan-nies. Programmi oħra li għamlet il-banda tul il-gwerra kienu dawk t'Ottubru 1940 u Jannar 1941. Fl-1943, mal-waqgħa ta' Tripli, u ftit wara mal-waqgħa ta' Tuneż, il-Banda Queen Victoria ħarġet fil-beraħ tferraħ lin-nies taż-Żurrieq bil-marċi brijużi. Is-soċi anzjani jsemmulna wkoll lil ċertu Raymond tar-RAF li kien stazzjonat fl-Armerija u li kien jiġi jagħmel xi kunċert mal-Banda Queen Victoria bil-bumbardun. Dan l-istrument għadu merfugħ b'għożża kbira fil-każin.

Tajjeb ngħid li t-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet vittma lil wieħed mill-bandisti tal-Banda Queen Victoria. Dan kien Ninu Sacco, ħaddiem fit-Tarzna, li nhar il-11 ta' Frar 1943, flimkien ma' erbgħa u għoxrin ruħ oħra, miet fi splużjoni ta' patalotti ta' *smoke screen powder* taħt il-mina ta' Kordin. Kellu biss tmintax-il sena. Ninu kien ħareġ idoqq il-kwartin fis-sena 1938.

Il-gwerra fl-Ewropa ntemmet nhar is-7 ta' Mejju 1945 u l-għada filgħaxija, 8 ta' Mejju, il-Banda Queen Victoria ħarġet iddur mat-toroq taż-Żurrieq sabiex tfakkar dan l-avveniment u r-rebħa tal-alleati.

Mhux biss... imma sena wara, biex jitfakkar għeluq is-sena mit-tmiem tat-tieni gwerra dinjija u r-rebħa fuq il-forzi li taw bidu għaliha, nhar it-8 u 9 ta' Ġunju, il-Banda Queen Victoria reġgħet tat sehemha fil-festi li saru fuq skala nazzjonali. Ta' dan is-sehem il-Banda Queen Victoria llum għadha tgħożż ċertifikat li jikkonferma dan is-sehem li tat! ...Sa Ġunju 1946, il-Banda Queen Victoria kienet għadha l-unika banda taż-Żurrieq li setgħet tagħmel dan!


**Kiri tas-Sala**

**Il-Kumitat javża li ser jibda joffri s-sala t'isfel għal attivitajiet privati.**

*(entratura minn Triq Profs. P.P. Saydon)*

Kull min huwa interessat ġentilment huwa mitlub
biex iċempel fuq 79402181 (Kevin Block),
javviċina lil xi membru tal-Kumitat jew jibgħat *email* fuq
info@carmelitesocietyzurrieq.org bit-talba tiegħu.